



Il-Kummissjoni Ewropea

BAĠĠIT TAL-UE GĦALL-FUTUR

#EUBudget #FutureofEurope



id-9 ta' Ottubru 2019

BAĠĠIT TAL-UE MODERN LEST GĦALL-ISFIDI TAL-FUTUR


Fit-2 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni pproponiet baġit fit-tul modern, ġust, ibbilanċjat u ffukat, immirat strettament lejn l-aġenda pożittiva miftehma mill-Mexxejja fi Bratislava u f'Ruma. Huwa għodda biex isarraf f'azzjoni l-Aġenda Strateġika tal-Kunsill Ewropew u l-linji gwida politiċi tal-President elett tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen li fuq il-bażi tagħhom il-Parlament Ewropew eleggħiha.

ID-DAQS TAL-BAĠĠIT TAL-UE

Id-daqs propost tal-baġit se jiżgura li l-Unjoni jkollha biżżejjed riżorsi biex dawn l-ambizzjonijiet isiru realtà. Tqis ukoll il-konsegwenzi baġitarji tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE.

Il-Kummissjoni pproponiet baġit fit-tul ugwali għal 1.114 % tal-introjtu nazzjonali gross (ING) tal-EU-27. Illum l-Unjoni ta' 27 tinvesti 1.16 % tal-ING tal-EU-27, inkluż il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp. Il-baġit propost għalhekk huwa diġà inqas meta mqabbel ma' dak attwali.

Id-daqs tal-baġit tal-UE bħala perċentwal tal-introjtu gross nazzjonali (ING)



(*) Impjenji stmati 2014-2020 (in-nefqa tar-Renju Unit eskluża) f'ING tal-EU-27.

(**) Fond Ewropew għall-Iżvilupp integrat ("inkluż fil-baġit").

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea.

Bi tnaqqis moderat meta mqabbel ma' dak li l-Unjoni tonfoq illum fis-27 Stat Membru mingħajr ir-Renju Unit, il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) propost jista' jrawwem politiki fejn l-azzjoni tal-Unjoni tista' tikseb aktar minn kull Stat Membru waħdu: eċċellenza fir-riċerka u l-innovazzjoni, azzjoni klimatika, migrazzjoni, ġestjoni tal-fruntieri, sigurtà u difiża, Erasmus u investimenti diġitali.

Jekk il-baġit tal-UE jkompli jitnaqqas, dan jagħmilha diffiċli għall-Unjoni biex twettaq il-prijoritajiet tagħha u tipprovdi s-sostenn tant meħtieġ lill-bdiewa, lill-istudenti, lir-riċerkaturi u lil mijiet ta' eluf ta' benefiċjarji oħra tal-baġit tal-UE.

Fond Ewropew għall-Iżvilupp

Limitu massimu tal-impjenji f'ING tal-UE




EVOLUZZJONI TAL-OQSMA TA' POLITIKA EWLENIN: ALLINJAMENT TA' ASPIRAZZJONIJIET GĦALL-AZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea pproponiet bilanċ ġdid bejn il-prijoritajiet tal-infiq. Filwaqt li l-politika ta' koeżjoni u l-Politika Agrikola Komuni għad għandhom rwol vitali fit-tfassil tal-futur tal-Ewropa, dawn qed jiġu modernizzati f'konformità mal-prijoritajiet il-ġodda — inkluża ambizzjoni aktar b'saħħitha dwar il-klima u l-ambjent — u r-realtajiet ekonomiċi u soċjali li qed jinbidlu.


Espress bħala perċentwal tal-ING, l-infiq jiżdied fi programmi ewlenin bħal Orizzont 2020, Erasmus+, il-ġestjoni tal-fruntieri, il-fond ta' sigurtà u l-ħolqien ta' programmi ġodda bħall-Ewropa Diġitali u l-Fond għad-Difiża, u appoġġ għall-aġenda strateġika tal-UE 2019-2024. Dawn iż-żidiet għadhom modesti meta mqabbla ma' oqsma ta' politika li ilhom stabbiliti u jippermettu livell globali realistiku ta' QFP, filwaqt li jagħmluha possibbli li l-baġit jiġi mmodernizzat.

FINANZJAMENT GĦAL PRIJORITAJIET ĠODDA U LI ILHOM STABILITI (F'% TAL-ING FL-EU-27).



Fil-proposta tagħha għall-baġit fit-tul li jmiss, il-Kummissjoni ssuġġerixxiet, għall-ewwel darba, li s-sehem ikkombinat ta' finanzjament li jmur f'dawn l-oqsma ta' politika jkun ftit ogħla minn dak tal-politika agrikola komuni jew il-politika ta' koeżjoni, f'konformità mal-prijoritajiet politiċi u f'konformità ma' dak li qed jitolbu ċ-ċittadini.

EVOLUZZJONI TAS-SEHEM TAL-OQSMA TA' POLITIKA EWLENIN FIL-BAĠIT TAL-UE (F'PERĊENTWAL TAT-TOTAL)



(*) Aġġustat għat-tkabbir tal-1995.
Sors: Il-Kummissjoni Ewropea.



BAĠIT TAL-UE 2021-2027: NINDIRIZZAW L-ISFIDI EWLENIN TAL-LUM U TA' GĦADA

Fil-proposta tagħha, il-Kummissjoni żgurat li l-UE għandha r-riżorsi meħtieġa biex taġixxi f'oqsma prijoritarji ewlenin b'ħall-politika tal-klima u l-ambjent, il-migrazzjoni u l-azzjoni esterna, kif ukoll li tipprovdi l-appoġġ tal-UE għar-riformi strutturali fl-Istati Membri tagħna.



IL-KLIMA U L-POLITIKA AMBJENTALI

- **25 %** tal-baġit li jmiss tal-UE, jew EUR 320 biljun matul l-2021-2027, għandu jintefaq fuq azzjoni rilevanti għall-klima.
- Konċentrazzjoni tematika ("Ewropa aktar ekoloġika, b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju") u primjum għall-emissjonijiet tas-CO₂ fil-**politika ta' koeżjoni**.
- Mira oġġla tal-klima għall-infiq fuq **l-agrikoltura, ir-riċerka u l-infrastruttura**.
- Azzjonijiet ġodda u msafħha dwar **l-enerġija rinnovabbli u l-enerġija nadifa**.
- Riżorsi proprji ġodda marbuta direttament mal-oġġettivi klimatiċi u ambjentali (ibbażati fuq l-imballaġġ tal-plastik u s-Sistema tal-UE għan-Negożjar ta' Emissjonijiet).



IL-MIGRAZZJONI

- Żieda ta' **2.6 darba** fil-fond għall-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri.
- **Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta** msafħha.
- **Primjum ta' migrazzjoni** fil-metodu ta' allokazżjoni għal koeżjoni.
- Appoġġ għall-integrazzjoni tal-migranti skont il-**Fond Soċjali Ewropew+**.
- Appoġġ minimu ta' 10% għall-migrazzjoni permezz tal-istrument il-ġdid għal **azzjoni esterna**.
- **Faċilità tematika** ġdida biex tirrialloka b'mod flessibbli r-riżorsi meta u fejn meħtieġa għall-ġestjoni tal-migrazzjoni fl-UE.



AZZJONI ESTERNA

- **30 %** iktar flus biex jiġi ppreservat ir-rwol ewleni tal-UE fix-xena dinjija permezz tal-għajjnuna għall-iżvilupp, il-kooperazzjoni, il-politika estera u ta' sigurtà, b'mod partikolari fil-viċinat tal-UE.
- **Struttura aktar koerenti u effettiva:** il-fużjoni ta' ħafna mill-istrumenti eżistenti fi programm wieħed b'kopertura madwar id-dinja se ttejjeb il-koerenza, it-tweqqiq tal-politika u l-effikaċja.



RIFORMA U INVESTIMENT

- **Appoġġ għar-riformi u l-investiment** bi strument baġitarju biex iżżid il-konverġenza u l-kompetittività fiż-Żona tal-Euro.
- Rabta aktar effettiva bejn is-**Semestru Ewropew u l-finanzjament tal-UE** għall-2021-2027 — għal koerenza akbar bejn il-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi u soċjali u l-użu tal-fondi tal-UE.



INNOVAZZJONI U KOMPETITTIVITÀ

- Żieda ta' **1.6 darba** tal-finanzjament għar-riċerka, l-innovazzjoni u d-diġitali sabiex l-Ewropa tkun tista' tlaħħaq mal-kompetituri dinjija tagħha.
- **EUR 650 biljun** ta' investimenti se jkunu varati permezz tal-Programm InvestEU.
- **Orizzont Ewropa:** l-akbar pakkett għar-riċerka u l-innovazzjoni.
- **Politika ta' koeżjoni:** rekwiżiti ta' konċentrazzjoni tematika biex jiġi ddedikat finanzjament għal "Ewropa aktar intelliġenti".
- **Ewropa Diġitali:** programm ġdid iddedikat biex iħaddan it-trasformazzjoni diġitali.



... B'RISPETT SĦIĦ GĦAR-REGOLI

Il-kontribwenti tat-taxxa jridu jaraw li l-baġit tal-UE jintefaq b'mod effiċjenti u jikseb l-aħjar riżultati possibbli. Il-Kummissjoni pproponiet mekkaniżmu ġdid li jistabbilixxi rabta diretta bejn ir-rispett għall-**istat tad-dritt** u l-baġit tal-UE. Din mhijiex miżura punittiva. Lanqas ma hija sanzjoni. Huwa mod kif jiġi żgurat li l-finanzi tal-UE jiġu protetti u li l-baġit jintefaq b'mod effiċjenti.



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea

© L-UNJONI Ewropea, 2019

PDF	ISBN 978-92-76-11734-6	doi:10.2761/120938	KV-01-19-755-MT-N
Print	ISBN 978-92-76-11772-8	doi:10.2761/36261	KV-01-19-755-MT-C